2024/864

15.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/864

tat-12 ta' Marzu 2024

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Jannar 2024 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg (BĊE/2024/3) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banque centrale du Luxembourg, Ernst & Young S.A., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2023. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-sena finanzjarja 2024 'il quddiem.

(3) Il-Banque centrale du Luxembourg għażel lil KPMG Audit S.à r.l. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2024 sa 2028.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Audit S.à r.l. jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg għas-snin finanzjarji 2024 sa 2028.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. KPMG Audit S.à r.l. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg għas-snin finanzjarji 2024 sa 2028.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

([1]) ĠU K, C/2024/1363, 6.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1363/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
V. VAN PETEGHEM